IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.8.2020
COM(2020) 375 final

2020/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-Renju Unit) irtira mill-Unjoni mill-1 ta' Frar 2020. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq mehmuż mal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll") se japplika minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2021.

Il-Protokoll jiddikjara li l-Irlanda ta' Fuq hija parti mit-territorju doganali tar-Renju Unit, u li r-Renju Unit jista' jinkludi l-Irlanda ta' Fuq fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-iskedi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Fl-istess ħin, il-Protokoll jipprevedi li kwalunkwe referenza għat-territorju doganali tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Protokoll, kif ukoll fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni magħmula applikabbli għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, trid tinqara bħala li tinkludi t-territorju tal-art tal-Irlanda ta' Fuq. Dan ifisser li minkejja li l-Irlanda ta' Fuq hija formalment fit-territorju doganali tar-Renju Unit, ir-Renju Unit, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, huwa obbligat li japplika l-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni bħallikieku l-Irlanda ta' Fuq kienet għadha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

L-arranġamenti bilaterali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit taħt il-Protokoll ma jagħtux lok għal drittijiet u obbligi għal pajjiżi terzi.

Konsegwentement, kwalunkwe importazzjonijiet skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra tal-importazzjoni li japplikaw għal prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz li jiddaħħlu fl-Irlanda ta' Fuq ma jkunux jistgħu jingħaddu għad-drittijiet ta' dak il-pajjiż terz fil-konfront tal-Unjoni, sakemm ma jkunx hemm qbil dwar dan mill-pajjiż terz. Din is-sitwazzjoni toħloq riskju għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-Unjoni u għall-integrità tal-Politika Kummerċjali Komuni permezz ta' evażjoni possibbli tal-kwoti tariffarji jew ta' kwoti oħra tal-importazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, kwalunkwe ftehim ma' pajjiż terz li jipprevedi kwoti tariffarji tal-esportazzjoni jirrikjedi li l-merkanzija tiġi importata fl-Unjoni. Għalhekk, dak il-pajjiż terz jista' jirrifjuta li joħroġ liċenzji tal-esportazzjoni għal importazzjonijiet diretti lejn l-Irlanda ta' Fuq.

Sabiex jiġi indirizzat dak ir-riskju, il-kwoti tariffarji tal-Unjoni u l-kwoti tal-importazzjoni l-oħra jenħtieġ li jkunu disponibbli biss għal prodotti importati u rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u mhux fl-Irlanda ta' Fuq.

Bis-saħħa tal-Protokoll, dan ir-Regolament japplika wkoll għar-Renju Unit u għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din l-inizjattiva hija konformi mal-azzjonijiet kontinwi tal-Unjoni biex tindirizza l-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u biex tħejji għal tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni b'mod ordnat, b'mod partikolari biex tħejji għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-inizjattiva hija wkoll konsistenti mal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika kummerċjali komuni hija kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-miżura prevista hija l-uniku mod kif jiġi żgurat ir-riżultat mixtieq.

- **Għażla tal-istrument**

Huwa meħtieġ att leġiżlattiv, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, peress li l-leġiżlazzjoni eżistenti ma tipprovdix għall-għoti ta' setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri proposti.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq id-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Mhux applikabbli.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Mhux applikabbli.

- **Dokumenti ta’ spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistipula li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni u l-kwoti tal-importazzjoni l-oħra jenħtieġ li jkunu disponibbli biss għall-merkanzija importata minn barra l-Unjoni u rilaxxata fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni. L-Artikolu 1 jelenka t-territorji doganali rilevanti, li jikkostitwixxu t-territorju doganali tal-Unjoni. Din il-lista ma tinkludix l-Irlanda ta’ Fuq, li għandha l-effett li l-kwoti tariffarji tal-Unjoni u kwoti oħra ta’ importazzjoni ma jkunux disponibbli għall-importazzjonijiet fl-Irlanda ta’ Fuq. L-Artikolu 2 jipprovdi għall-applikazzjoni tar-Regolament, li jenħtieġ li jibda fil-jum wara l-perjodu ta’ tranżizzjoni, fl-1 ta’ Jannar 2021.

2020/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni u ta' kwoti oħra tal-importazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135[1] tat-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) L-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq anness mal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll") itenni li l-Irlanda ta' Fuq hija parti mit-territorju doganali tar-Renju Unit, u li xejn fil-Protokoll ma jipprevjeni lir-Renju Unit milli jinkludi l-Irlanda ta' Fuq fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Iskedi ta' Konċessjonijiet tagħha annessi mal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("GATT 1994").

(3) Fl-istess ħin, l-Artikolu 13(1) tal-Protokoll jipprevedi li minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-Protokoll, kwalunkwe referenza għat-territorju doganali tal-Unjoni fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Protokoll, kif ukoll fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni magħmula applikabbli għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, għandha tinqara bħala li tinkludi t-territorju tal-art tal-Irlanda ta' Fuq.

(4) Skont l-Artikolu 5(3) tal-Protokoll, il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni kif definita fl-Artikolu 5, il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] tapplika għar-Renju Unit u għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dawn id-dispożizzjonijiet, flimkien mal-Artikolu 5(1), l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Protokoll fir-rigward ta' merkanzija li tidħol fl-Irlanda ta' Fuq minn barra l-Unjoni, ifissru li l-miżuri tariffarji tal-Unjoni inklużi l-kwoti tariffarji skont it-Tariffa Doganali Komuni jew il-ftehimiet internazzjonali rilevanti, ikunu applikabbli għal tali prodotti li jitqiesu f'riskju li sussegwentement jiġu mċaqalqa lejn l-Unjoni. Dawk il-kwoti tariffarji jinkludu b'mod partikolari kwoti tariffarji tal-importazzjoni fl-iskedi ta'

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

[2] Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

impenji tal-Unjoni skont il-GATT 1994, miftiehma fil-ftehimiet internazzjonali bilaterali tal-Unjoni, inklużi kwoti ta' deroga tal-oriġini, kwoti tariffarji tal-importazzjoni skont ir-reġimi ta' difiża kummerċjali tal-Unjoni u kwoti tariffarji oħra awtonomi tal-importazzjoni, kif ukoll kwoti tariffarji tal-esportazzjoni previsti fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi.

(5) Skont l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll, tapplika wkoll il-liġi tal-Unjoni elenkata fl-Anness 2 tal-Protokoll, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Dan jinkludi leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tipprevedi ċerti kwoti tal-importazzjoni.

(6) L-arranġamenti bilaterali bejn l-Unjoni u r-Renju Unit taħt il-Protokoll ma jagħtux lok għal drittijiet u obbligi għal pajjiżi terzi.

(7) Konsegwentement, kwalunkwe importazzjonijiet skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti oħra tal-importazzjoni li japplikaw għal prodotti li joriġinaw minn pajjiż terz li jiddaħħlu fl-Irlanda ta' Fuq ma jkunux jistgħu jingħaddu għad-drittijiet ta' dak il-pajjiż terz fil-konfront tal-Unjoni, sakemm ma jkunx hemm qbil dwar dan mill-pajjiż terz. Din is-sitwazzjoni toħloq riskju għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku tal-Unjoni u għall-integrità tal-Politika Kummerċjali Komuni permezz ta' evażjoni possibbli tal-kwoti tariffarji jew ta' kwoti oħra tal-importazzjoni tal-Unjoni.

(8) Sabiex jiġi indirizzat dak ir-riskju, il-kwoti tariffarji tal-importazzjonijiet tal-Unjoni u l-kwoti tal-importazzjoni l-oħra jenħtieġ li jkunu disponibbli biss għal prodotti importati u rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni u mhux fl-Irlanda ta' Fuq.

(9) Kwalunkwe ftehim tal-Unjoni ma' pajjiż terz li jipprevedi kwoti tariffarji tal-esportazzjoni japplika biss għall-prodotti importati fl-Unjoni. Għalhekk, dak il-pajjiż terz jista' jirrifjuta li joħroġ liċenzji tal-esportazzjoni għal importazzjonijiet diretti lejn l-Irlanda ta' Fuq.

(10) Bis-saħħa tal-Artikolu 5(3) u (4) tal-Protokoll flimkien mal-Artikolu 13(3) tiegħu, dan ir-Regolament japplika wkoll għar-Renju Unit u għar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-merkanzija importata minn barra l-Unjoni għandha tkun eliġibbli għal trattament skont il-kwoti tariffarji tal-importazzjoni tal-Unjoni jew kwoti ta' importazzjoni oħra jew skont kwoti tariffarji tal-esportazzjoni applikati minn pajjiżi terzi biss jekk jiġu rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera fit-territorji li ġejjin:

– it-territorju tar-Renju tal-Belġju,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija,

– it-territorju tar-Repubblika Ċeka,

– it-territorju tar-Renju tad-Danimarka, minbarra l-Gżejjer Faroe u l-Groenlandja,

– it-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, minbarra l-Gżira ta' Heligoland u t-territorju ta' Büsingen (it-Trattat tat-23 ta' Novembru 1964 bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Konfederazzjoni Żvizzera),

– it-territorju tar-Repubblika tal-Estonja,

– it-territorju tal-Irlanda,

– it-territorju tar-Repubblika Ellenika,

– it-territorju tar-Renju ta’ Spanja, minbarra Ceuta u Melilla,

– it-territorju tar-Repubblika Franċiża, minbarra l-pajjiżi u t-territorji Franċiżi extra-Ewropej li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Raba’ Parti tat-TFUE, iżda inkluż it-territorju ta’ Monaco kif definit fil-Konvenzjoni Doganali ffirmata f’Pariġi fit-18 ta’ Mejju 1963 (Journal officiel de la République française tas-27 ta’ Settembru 1963, p. 8679),

– it-territorju tar-Repubblika tal-Kroazja,

– it-territorju tar-Repubblika Taljana, minbarra l-muniċipalità ta' Livigno,

– it-territorju tar-Repubblika ta’ Ċipru, skont il-provvedimenti tal-Att ta’ Adeżjoni tal-2003,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Latvja,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Litwanja,

– it-territorju tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu,

– it-territorju tal-Ungerija,

– it-territorju ta’ Malta,

– it-territorju tar-Renju tan-Netherlands fl-Ewropa,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Awstrija,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Polonja,

– it-territorju tar-Repubblika Portugiża,

– it-territorju tar-Rumanija,

– it-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja,

– it-territorju tar-Repubblika Slovakka,

– it-territorju tar-Repubblika tal-Finlandja,

– it-territorju tar-Renju tal-Iżvezja, u

– it-territorju taż-Żoni Bażi Sovrani tar-Renju Unit ta’ Akrotiri u Dhekelia kif definit fit-Trattat dwar l-Istabbiliment tar-Repubblika ta’ Ċipru, iffirmat f’Nicosia fis-16 ta’ Awwissu 1960.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*